**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-15 ta' Lulju 2016**

**Appell Nru: 424/2015**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Nathaniel Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Nathaniel Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 24293G akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

> Talli fl-20 ta' Frar 2015 ghall-habta ta' 12:00 hrs u fis-snin ta' qabel, fil-fond "Gorgton", Triq Dun Xand Aquilina, Sannat:
>
> 1. Zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa Stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), kontra id-

disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inaghta l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I) meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikun jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), li ma kienux gew registrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi fiz-zmien stipulat fis-subregolament (6) ta' regolament 21 ta' l-l-A.L. 79 ta' l-2006 bi ksur ta' regolament 21 (5) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006.

U aktar talli fis-snin ta' qabel fil-gzejjer Maltin:

5. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett skont ir-regolamenti dwar il- konservazzjoni ta` l-Ghasafar Selvaggi, u cioe Gallozz tat-Tikkek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahthom u dan bi ksur ta regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fi Skeda II, u cioe Gallozz tat-Tikkek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), u dan bi ksur ta' regolament 5 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja minn fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe Gallozz tat-Tikkek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), bi ksur ta' regolament 5 (3) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

8. Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Ghawdex (Mgt. Dr. E. Grima LL.D.) datata 17 t'Ottubru 2013, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 (2) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall- perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Settembru, 2015, li biha l-Qorti, wara li rat Regolament 4(1)(a), 4(1)(e), 4(1)(f), 21(5), 5(1), 5(3)(a) u Skeda 1 tal-A.L. 79 tal-2006 kif emendat u Artikoli 17(h) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Nathaniel Agius hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu multa komplessiva ta' tmint elef ewro (€8,000).

**3.** Inoltre l-Qorti ordnat ir-revoka permanenti ta’ kull licenza jew permess, mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija f'isem il-hati, liema revoka tibda tghodd minn nofsinhar tad-data tas-sentenza.

**4.** Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ghasafar ibbalzmati li huma indikati bhala Dok BSC 3.

**5.** Finalment il-Qorti, peress li rrizultalha li x-xhieda moghtija mill-hati hija inveritjiera, ordnat li kopja tat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu, flimkien ma’ kopja tat-traskrizzjoni tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri u Gilbert Haber u d-dokument esebiti minnhom f’dan il-process, kif ukoll kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik l-azzjoni opportuna ai termini tal-Ligi.

**6.** Rat ir-rikors tal-appell ta’ Nathaniel Agius pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar id-decizjoni appellata, fis-sens illi tillibera lill-appellanti mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**7.** Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**8.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-20 ta’ Frar 2015 ghall-habta tal-11 am ufficjali tal-pulizija flimkien mal-imputat Nathaniel Agius marru fl-indirizz Gorgton, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat Ghawdex fejn kienet toqghod in-nanna tal-imputat u wara perkwizizzjoni Nathaniel Agius wera lill-pulizija vetrina b’numru ta’ tajr ibbalzmat. Fil-vetrina kien hemm 27 tajra ibbalzmata u zewgt ifniek

ibbalzmati. Tnejn mit-tajr kienu illegali. Nathaniel Agius stqarr mal-pulizija li t-tajr kien kollu tieghu. Mill-fond ta' Sannat il-pulizija u l-imputat marru fir-residenza tal-genituri tal-imputat u hemm saret tfittxija ohra izda ma nstab ebda tajr illegali.

**9.** L-aggravji tal-imputat appellant huma sostanzjalment is-segwenti:

1. L-ewwel Qorti ghamlet analizi zbaljata tal-atti tal-kawza specjalment f'dak li kellu x'jaqsam mal-istqarrija tal-imputat u x-xiehda tieghu fil-kors tal-proceduri peress illi fl-istqarrija tieghu stqarr li t-tajr li nstab fid-dar ta' nanntu fis-Sannat kien tieghu u li kien qabadhom huwa mentri fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti kien xehed li t-tajr kien ta' nanntu u mhux tieghu u zied jghid li kien stqarr mal-pulizija li t-tajr kien tieghu peress li ma xtaqx idahhal lil nanntu fi nkwiet zejjed waqt li meta xehed ta l-verzjoni aktar veritiera u cioe' li t-tajr kien ta' nanntu;
2. Ma saritx prova taz-zmien kemm kien ilu bbalzmat it-tajr misjub u l-Qorti minflok inkarigat esperti ghal dan il-ghan ghazlet li tistrih fuq il-konvinzjoni morali taghha;
3. Il-qorti ghazlet li taghti piena ezemplari biex biha taghti twissija lil kulhadd u b'hekk l-imputat serva ta' *scapegoat* apparti li l-piena fi kwalunkwe kaz kienet wahda sproporzjonata;
4. Dwar it-talba tal-Qorti sabiex jittiehdu l-azzjonijiet opportuni fid-dawl tax-xiehda tal-imputat l-appellant isostni li ma hemm ebda inkongruwenza bejn dak li xehed f'din il-kawza u dak li xehed fil-kawza deciza fis-17 ta' Ottubru 2013 liema zewg kawzi huma distinti minn xulxin.

**Ikkunsidrat**

**10.** In kwantu ghal**l-ewwel aggravju**, l-imputat essenzjalment jistieden lil din il-Qorti sabiex taghmel apprezzament tal-provi inkluza l-

istqarrija tal-imputat u tax-xiehda tieghu quddiem il-Qorti divers minn dak li ghamlet l-ewwel Qorti u biex b'hekk tasal ghal konkluzjoni diversa.

**11.** Dwar tali aggravju jinsab ormai ben stabbilit li din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet gravi tali li din il-Qorti tifforma l-fehma li dak l-apprezzament kien manifestament zbaljat u l-konkluzjonijiet raggunti kienu irragionevoli b'tali mod li jekk dak l-apprezzament ma jigix disturbat tkun ser tigi kagunata ingustizzja manifesta.

**12.** Jirrizulta li meta l-imputat kien fid-dar ta' nanntu akkompanjat mill-pulizija huwa kien minnufih stqarr mal-pulizija li l-vetrina li kien fiha t-tajr kienet tieghu[1]. Aktar tard rrilaxxja stqarrija bil-miktub lill-pulizija wara li nghata l-opportunita' li jikkonsulta avukat kif fil-fatt ghamel. Fl-istqarrija bil-miktub huwa rega tenna li t-tajr li kien nstab ghand nanntu kien tieghu u li kien qabadhom hu u kien ilu jaqbad it-tajr ghall-perjodu ta' xi sentejn. Mistoqsi dwar it-tajra gallozz tat-tikek u l-piswejta li l-qtil u pussess taghhom hu llegali huwa ddikjara li l-gallozz kien qatilha hu waqt li l-piswejta kien sabha hajja u pprova jhalliha tghix izda mietet wara jumejn[2].

**13.** Fic-cirkostanzi, meta l-imputat ripetutament kien stqarr mal-pulizija, kemm oralment kif ukoll bil-miktub, u din wara li kien kkonsulta avukat, li t-tajr kien tieghu, u li l-gallozz tat-tikek kien qatilha hu waqt li l-piswejta kien sabha hajja u zammha izda wara mietet, l-ewwel Qorti kienet pienament intitolata li taccetta bhala veritiera dak li stqarr lill-pulizija waqt l-investigazzjoni u li jirrigetta bhala inveritier dak li ddepona quddiem l-ewwel Qorti. Mal-pulizija l-imputat ma stqarrx semplicement li t-tajr kien tieghu izda zied jghid li kien qabadhom hu u ta d-dettalji dwar kif gew ghandu l-gallozz u l-piswejta u ddistingwa c-cirkostanzi ta'

[1] Affidavit WPC 133 fol 15, affidavit PC 60 J. Grima fol 18, Spett. Bernard Charles Spiteri fol 36
[2] Stqarrija imputat fol 39

wahda mic-cirkostanzi tal-ohra. Dan apparti li hu ferm stramb li l-ewwel l-imputat kien lest jissagrifika ruhu biex skont hu jghatti lil nanntu izda imbghad xi xhur wara meta tressaq il-Qorti s-sens altruwistiku tieghu lejn nanntu ta' tmenin sena sparixxa u beda jipponta sebghu lejn nanntu.

**14.** Ghalhekk ma hemm xejn irragonevoli fil-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel qorti fir-rigward tal-istqarrija tal-imputat u d-depozizzjoni tieghu fil-Qorti u li din il-Qorti pienament tikkondividi u ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

**15.** Permezz ta**t-tieni aggravju** tieghu l-imputat appellant jemfasizza l-fatt li l-gudikant li ppresjeda fl-ewwel istanza strah fuq l-esperjenza personali tieghu minflok fuq perizja teknika sabiex jistabilixxi kemm kien ilu bbalzmat it-tajr in kwistjoni. Izda din hi biss parti mill-verita' li tammonta ghal karikatura tal-apprezzament intier tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Di fatti, ghalkemm huwa minnu li l-gudikant fl-ewwel istanza fi stadju tas-sentenza ghamel riferenza ghall-esperjenza tieghu fil-qasam tal-kacca dan ghamlitu wara li kienet gia ghamlet riferenza ghal dak li stqarr bil-miktub l-imputat mal-pulizija wara li kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu u fil-fatt kien hekk ghamel. L-ewwel Qorti rrilevat li fl-imsemmija stqarrija tieghu l-imputat kien volontarjament ammetta li t-tajr ibbalzmat li kien nstab fid-dar ta' nanntu kienu tieghu u li kien qabadhom hu u zied jghid ukoll li kien ilu jaqbad minn dak it-tajr ghall-perjodu ta' xi sentejn. Dak mistqarr mill-imputat kien gia bizzejjed ghall-htija tieghu u l-fatt li l-Magistrat fl-evalwazzjoni tal-provi ghamel uzu mill-esperjenza personali tieghu ma ghamel xejn hazin; anzi dan hu li jaghmel kull gudikant tal-fatt. Basta li l-esperjenza personali tal-gudikant ma sservix biex tissostitwixxi ghan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni li, kif spjegat, ma hux il-kaz hawn.

**16.** Dan it-tieni aggravju wkoll qieghed ghalhekk jigi respint.

**17.** **<u>It-tielet aggravju</u>** jirrigwardja l-piena li l-appellant iqisha eccessiva.

**18.** Fejn si tratta ta' piena konfronti ma kazijiet ohrajn ftit li xejn jistghu jkunu ta' ghajnuna peress li kollox jiddependi mill-fatti speci partikolari ta' kull kaz, mill-parametri tal-piena applikabbli fiz-zmien relevanti, kif ukoll mic-cirkostanzi socjali fi zmien partikolari li jvarjaw minn zmien ghal zmien kif ukoll mill-esigenzi tal-ordni pubbliku li fi zmien partikolari jistghu jiddettaw piena aktar harxa minn zmien iehor ghaliex ikun hemm il-htiega li tinghata risalt lill-ghan deterrenti tal-piena fuq l-ghanijiet l-ohra taghha.

**19.** Ma hemmx dubbju li fil-qasam tal-kacca u l-konservazzjon tal-ghasafar hemm il-htiega li tinghata priorita' lill-ghan deterrenti tal-piena peress li f'dan il-qasam il-vjolazzjoni tal-ligi kienet qed issir kwazi abitudinarja dejjem aktar sfaccjata u dan fi zmien meta l-harsien tal-ghasafar qed issir iktar mehtieg u urgenti. B' danakollu l-gustizzja tirrikjedi li jinzamm bilanc bejn il-fatt inkriminat u l-piena sabiex il-persuna misjuba hatja ma tigix penalizzata f'mizura sproporzjonata minhabba n-nuqqasijiet ta' haddiehor.

**20.** Fil-kaz odjern fejn ir-reati li taghhom instab hati l-imputat jikkonsistu mhux biss f'pussess ta' tjur kontra l-ligi izda fil-pussess ta' tjur protett u sahansitra l-kacca ta' tajr protett il-piena trid tkun necessarjament tali li tirrispekkja l-gravita' tal-fatti inkriminati. Ma dan irid jittiehed qis tal-fatt li l-appellant nstab hati li hu recidiv. Din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar l-applikabilita' tal-artikolu 17(h) applikat mill-ewwel Qorti (certament non si tratta ta' konkors ideali li ghalih irriferiet l-ewwel Qorti) izda dwar dan ma sar ebda appell mill-Avukat Generali. Il-parametri tal-piena li jidher li applikat l-ewwel Qorti huma dawk fir-regolament 27(2)(b) tal-A.L. 79 tal-2006 li jipprevedu minimu ta' multa ta' elf euro (€1000) u massimu ta' ghaxart elef euro (€10,000) apparti wkoll il-possibilita' ta' piena ta' prigunerija li izda l-ewwel Qorti ma

applikatx u li ghalhekk anqas din il-Qorti ma tista' tapplika f'dan l-istadju anki kieku kien jidhrilha li hu hekk indikat.

**21.** Din il-Qorti, wara li hadet qis tan-natura tar-reati li taghhom l-appellant gie misjub hati, tan-numru ta' tjur involut, tal-fatt li l-appellant hu recidiv, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament tal-piena tal-multa inflitta mill-ewwel Qorti ghal wahda li fil-fehma taghha tkun wahda aktar gusta u adegwata.

**22.** Finalment, permezz tar-**raba aggravju** l-appellant sostanzjalment jilmenta li ma kienx il-kaz li l-ewwel Qorti tordna li jittiehdu l-azzjonijiet opportuni fid-dawl tax-xiehda tieghu. Din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li ghandha tinterferixxi fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u tillimita ruhha filli tghid li hi tal-fehma li kienu jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha kif ezercitatha.

Ghall-motivi premessi il-Qorti tilqa' l-appell in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduci l-piena tal-multa inflitta mill-ewwel Qorti ghall-ammont ta' hamest elef euro (€5000) u tikkonfermha fil-bqija. Ir-revoka tal-licenzja jew permess ordnata mill-ewwel qorti tibda tghodd minn nofsinhar ta' llum.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur